TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 453/09

**Mary u Emanuel Micallef**
**vs**
**Melita Plc**

Illum 8 ta' Mejju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-5 ta' Novembru, 2009 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' erba' mija u ħamsin ewro (€450), rappreżentanti tliet *mobile phones* li ngħataw servizz ħażin.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ġuramentata tal-intimat li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu ffirmaw kuntratt ta' ħmistax-il xahar għal fuq tliet *mobile phones* u s-servizz ma kienx tajjeb.

L-intimat issottometta bil-miktub illi huma kellhom il-problemi biex jikkomunikaw magħhom biex ikunu jistgħu idawru l-linja u għalhekk kien hemm xi nuqqas ta' ftehim.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal jagħmel referenza għall-verbal datat 8 ta' Ottubru, 2010, wara l-ftehim li ntlaħaq bejn il-partijiet, jiddikjaraha bħala sentenza, illi r-rikorrenti jżommu t-tliet *mobile phones* u ta' dawn iħallsu l-prezz ta' ħamsin (€50) kull wieħed minn dawn il-*mobile phones*, u b'hekk tintemm il-kwistjoni bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**